

# Festa tempesta

**Fr Joe Caruana**
*Arċipriet*



Meta kont tfal xi ħadd kien jgħidli: Il-festa tempesta. Ta' tfal li kont ma kontx nifhem għalfejn qed jgħidli hekk. Anzi kont narah żbaljat bil-kbir għax il-festa kienet iċ-ċentru tas-sena kollha u għeluq xieraq tal-vaganzi tas-sajf. Illum li kbirt, naħsibha mod ieħor.

Għalkemm il-festa ta' pajjiżi għadni nħobbha, biss nifhem x'ried jgħid aktar u aktar issa li nkun jien li nkarigat mill-organizzazzjoni tagħha. Tempesta mhux għalija biss imma għal kull min b'xi mod jew ieħor ikollu sehem f'dak li tinvolvi. Tan-nar, tal-armar, tal-baned, tal-kor, min jarma l-knisja, kollha kemm huma jħossu l-piż li jagħmlu kollox mill-aħjar. U jekk is-sena kollha jkollha x-xogħol tagħha, il-festa, dax-xogħol, iżżidu għal mitt darba.

Imma anke t-tempesti huma meħtieġa. Ix-xjenzati jgħidulna li tempesta sservi biex twarrab it-tniġġiż mill-arja, biex il-mewġ jossiġna l-baħar u ma jħallihx jistaġna. Ħafna drabi, wara tempesta tara l-għasafar ipassu ħalli jerġgħu lura lejn l-art fejn jistgħu jbejtu.

It-tempesti ħafna drabi juruna dak li hu veru sod minn dak li hu mherri. Siġra b'saħħitha tibqa' soda waqt li dik immermra taqa'. Post mibni tajjeb ma jiġrilu xejn, dak mibni ta' kafkaf x'aktarx jiġġarraf. Bniedem serju kapaċi jaffaċċja kull tempesta tal-ħajja u għalkemm ma jfittixhomx imma lanqas ma huma ser jitterrorizzawh: pjuttost joħroġ aktar b'saħħtu minnhom. Bniedem ta' nofs kedda jitwerwer quddiem l-inqas inkwiet u jitkisser.

It-tempesta tal-festa għandha sservi biex tgħinna nagħżlu l-importanti mis-superfiċjali. Waqt li kollox meħtieġ, lil xiex qed nagħti l-aktar importanza lis-superfiċjali jew lis-serju?

Kultant fil-festi tagħna nintilfu fir-ritwaliżmi, fiċ-ċerimonji, li kollox isir bħal ma kien isir dejjem u ninsew li l-festa għandha ġġib tempesta fil-ħajja nisranija tagħna, għandha ġġiegħelna naraw kemm qegħdin nieħdu l-ħwejjeġ t'Alla bis-serjetà, kemm qed ngħixu l-valuri morali (x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin) mhux skont ma tgħid is-soċjetà, in-nies ta' madwarna, imma skont dak li jrid Alla. Jekk bridna xi ftit fil-ħajja nisranija tagħna, ittajrilna n-ngħas, jekk traskurajna, timliena ħeġġa, jekk tbiegħedna tressaqna qrib mill-ġdid.

Mal-ewwel daqqa t'għajn, it-twelid ta' Marija ma ħoloqx tempesti. Pjuttost bil-kontra: indunaw bih biss il-familja tagħha u n-nies tad-dawra u dawn żgur li ma ġiehomx f'moħħhom li din kellha tkun xi ħadd straordinarju. Hi stess għexet ħajjitha kollha bl-akbar umiltà u żgur li qatt ma bassret li kellha ssir Omm Alla kif jidher mill-kliem li qalet lill-anġlu Gabriel li ġie jwasslilha din l-aħbar. Madanakollu kienet il-bidu ta' tempesta li qatt ma dehret bħalha fl-istorja tal-bniedem; l-ebda ċiklun, urugan jew tsunami ma ġieb il-bidliet li beda bi twelidha. Bidliet paċifiċi, għall-akbar ġid tal-bniedem u li żgur ma kkawża l-ebda ħsara. Bidliet li bidlu s-soċjetà mill-għeruq tagħha u li ffurmaw ħafna miċ-ċiviltajiet, il-kultura, l-arti u l-mod ta' ħsieb tad-dinja tal-punent u li mbagħad esportawhom fil-kontinenti l-oħra hekk li tista' tgħid li b'xi mod jew ieħor biċċa sewwa mid-dinja tal-lum hi influwenzata mill-ideal nisrani.

Allura bix-xieraq li niffesteġġjaw it-twelid ta' min kien il-bidu ta' dan kollu. Fl-istess ħin importanti wkoll li nħallu lil dil-festa/tempesta ttajjar magħha kull ħaġa ħażina li hemm f'ħajti biex b'hekk tħalli wiesgħa lil dak li hu tajjeb sewwa u li jagħmilli ġieħ.

Il-Festa t-Tajba. Viva Marija Bambina.